MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 746/2012

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija Local Billing Solutions Ltd (C36405) li kienet xjolta**

**bi provvediment ta` din il-Qorti**

**tal-4 ta` Marzu 2014**

**Il-Qorti :**

Rat id-digriet taghha tal-24 ta` April 2014 fejn appuntat dan l-istralc ghall-udjenza tal-11 ta` Gunju 2014 fid-9.00 a.m.

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` dan il-procediment.

Rat l-atti li pprezenta l-istralcjarju.

Rat l-atti l-ohra.

Rat l-Art 244 tal-Kap 386.

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarju hares il-htigijiet kollha skond il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih jibghat ghar-registrazzjoni lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Rat l-Art 264 tal-Kap 386.

Billi l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati ghal kollox.

Billi huma sodisfatti l-htigijiet tal-Art 244 tal-Kap 386, tordna li l-isem tal-kumpannija Local Billing Solutions Ltd (C36405) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien erbatax-il jum mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Local Billing Solutions Ltd (C36405).

Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dan l-ordni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------